MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 404/2004

**Michael Bianchi**

**Vs**

**Emanuel Mallia**

**Il-Qorti:**

Rat l-avviz pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Lulju 2004 fejn l-attur talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasu s-somma ta' elfejn tmien mija u disgha u erbghin lira Maltin (LM2,849) in linea ta' danni kawzati minnu fuq il-vettura tieghu f'incident awtomobilistiku li sehh fis-sittax (16) ta' Marzu 2004 ghall-habta tat-tmienja u hdax il-minuta ta' filghodu fit-telgha tal-Wardija, San Pawl il-Bahar, bejn il-vettura tal-marka Mitsubishi Pajero bin-numru ta' registrazzjoni IBE 601, proprjeta tal-attur u l-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni DAF 507, ghall-liema incident huwa unikament il-konvenut responsabbli minhabba mperizja,

negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.
Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tas-sitta w ghoxrin (26) t'April 2004 u bl-imghax legali.

Il-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa bir-rispett is-segwenti:-

1. Illi huwa ma jaħtix ghall-incident mertu tal-kawza fl-ismijiet premessi;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont reklamat mill-attur huwa ezagerat;
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi nhar it-tnax (12) ta' Lulju 2005 xehed **l-konvenut Emanuel Mallia** in subizzjoni u stqarr illi huwa m'ghandu jaghti xejn lill-attur ghaliex ir-responsabbilita tal-incident ma kienitx tieghu, izda tas-sewwieq tal-vettura l-ohra.

Illi nhar is-sbatax (17) ta' Novembru 2005 xehed **l-attur Michael Bianchi** u stqarr illi nhar is-sittax (16) ta' Marzu 2004 ghall-habta tat-tmienja u hdax il-minuta ta' filghodu, Mary Sant kienet qed takkumpanja lill-ibnu l-iskola bil-vettura tieghu tal-ghamla Pajero Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni IBE 601 u fil-fatt il-vettura tieghu spiccat involuta f'kollizzjoni mal-konvenut li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAF 507. Qal li fil-fatt Mary Sant habtet ftit wara li kienet telqet minghandu w ghalhekk, appena cemplitlu biex tghidlu dak li kien gara u cioe li kien hemm il-habta, huwa mar fuq il-post biex jara x'kienet il-posizzjoni. Huwa esebixxa l-okkorenza mehuda mill-Pulizija, li giet markata bhala Dok. MB 1. Ikkonferma li huwa nefaq is-somma ta' madwar elfejn tmien mija disgha u erbghin lira Maltin lira (LM2,849) sabiex sewwa l-vettura tieghu ghand l-Industrial Motors, l-agenti taghha, u dan kif jirrizulta mir-ricevuta esebita Dok. MB 2.

Jghid li l-vettura kellha daqqa fuq quddiem u huwa sewwa l-vettura wara li s-*surveyor* tas-socjeta assikuratrici mar w ezaminha. Jekk effettivament marx is-*surveyror* tas-socjeta assikuratrici tal-konvenut, jghid li ma jafx. Jghid li l-habta sehhet fit-telgha tal-Wardija, xi mitejn jew tlett mitt metro ‘l fuq minn fejn din it-telgha tal-Wardija tisbokka fit-triq principali ta’ Burmarrad, izda fejn sehh l-incident, it-telgha tkun bdiet. Qal li l-vettura tieghu kienet qed tinsaq fin-nizla u Mary Sant kienet qed tipprepara biex tohrog fit-triq principali. Qal lil l-vettura li kien qed isuq il-konvenut, kienet tat-tip *scammel* u kienet qed timblokka t-triq. Huwa esebixxa l-i*sketch* redatt mill-*wardens* lokali li gie mmarkat bhala Dok. MB 3, kif ukoll tlett ritratti, li flmkien gew immarkati bhala Dok MB 4. Qal li r-ritratti juru l-posizzjoni ezatta tal-vetturi mal-habta. Jghid li effettivament il-vettura tieghu ma kienitx daqshekk ippostjata lejn il-lemin taghha kif muri fl-i*sketch* tal-*wardens*, izda kienet iktar lejn ix-xellug, kif sahansitra jidher mir-ritratti esebiti. Ikkonferma li kien hemm ukoll il-vetturi pparkjati kif murija fl-i*sketch*. Qal li kien hemm *skip*, li mhux muri fl-i*sketch* u dan kien jinsab aktar lura mill-vettura tieghu stazzjonat fuq in-naha tax-xellug tal-vettura tieghu. Huwa kkonstata li l-konvenut kien sejjer jigbor l-i*skip* w ghalhekk, fil-fehma tieghu, l-manuvra li ghamel kienet wahda sabiex jaqsam it-triq kompletament biex jigbor l-i*skip* li jkun dejjem fl-istess post. Jghid li lill-konvenut ma kelmux.

Mistoqsi ‘n kontr’ezami fi xhin jibda l-iskola ibnu, jghid li fit-tmienja u nofs u mistoqsi jekk il-vetturi ccaqilqux bl-impatt, jghid li l-vettura tieghu baqghet fejn kienet, ghaliex Mary Sant stordiet.

**Natalino Agius** ikkonferma li kien ghamel *survey* fuq il-vettura tal-attur nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta’ Marzu 2004 u dan peress li kienet involuta f’xi habta ftit ta’ zmien qabel. Jghid li din il-vettura kellha daqqa fuq in-naha tal-lemin ta’ quddiem u kienet estensiva u minn dak li setgha jikkonstata, il-vettura habtet ma xi haga gholja u dan ghaliex id-daqqa qabzet ‘l fuq mic-*chassis*. Huwa esebixxa kopja tas-*survey report* li ghamel hu li gie mmarkat bhala Dok. NA. Ikkonferma li fil-fehma tieghu, l-

ispiza kienet ser tkun ta' madwar elfejn u tlett mitt lira Maltin (LM2,300) oltre l-VAT.

**Kenneth Agius** xehed ghan-nom tas-socjeta fejn jahdem u cioe Mizzi Automotive Services Limited w ikkonferma li s-socjeta tieghu bieghet xi *parts* lill-attur in konnessjoni mal-vettura tieghu tal-ghamla Mitsubisho Pajero bin-numru ta' registrazzjoni IBE 601 skond *invoice number* 2341339 datat wiehed w ghoxrin (21) t'April 2004. Huwa esebixxa kopja ta' din l-*invoice* li giet immarkata bhala Dok. X. Jikkonferma li dakinhar, l-attur kien nefaq is-somma ta' LM2,849.02. Dan l-ammont jinkludi l-VAT, il-*parts* u *labour*.

Il-konvenut **Emanuel Mallia** xehed nhar l-erbatax (14) ta' Mejju 2008 u kkonferma li huwa kien qed jaghmel xoghol bl-i*scammel* u kien mar fi Triq Wardija biex ibattal xi *skips*. Qal li kien hemm *parking* fuq iz-zewg nahat tat-triq. Huwa ma hassx li kellu jaghlaq it-triq w ghalhekk mar biex jirriversja u dahal b'lura u b'hekk fuq in-naha tal-lemin tieghu kien hemm minn fejn ighaddu l-karozzi. Huwa ghalhekk tella' il-*hand brake*. Spjega li t-triq in kwistjoni hija *two way* bil-vetturi jitilghu u jinzlu. Qal li l-i*skip* jinsab fuq ix-xaqliba l-ohra tat-triq. Huwa ghalhekk kien ser jinzel mit-*truck* biex jigbed u jbattal l-i*skip*. Qal li huwa u niezel mit-*truck* ra mara nizla bi *speed* qawwi u baqghet diehla got-*truck* u tefeghtu lura. Huwa gie muri sett ta' ritratti esebiti fl-atti u jghid li mad-daqqa l-ebda wahda miz-zewg vetturi ma ccaqalqet. Stqarr ukoll li t-*truck* dakinhar kien vojt ghaliex kien ghadu kemm beda xoghol. Jichad li huwa hargilha fin-nofs u jinsisti li kien ipparkjat meta qala d-daqqa.

Rat in-nota ta' sottomissjoni tal-attur u tal-konvenut pprezentati fl-atti.

Semghet il-partijiet jittrattaw il-kawza seduta stante nhar il-Ħamis, tmienja ta' Jannar 2009.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin ta' kif sehhet din il-kollizzjoni.

Illi bi dispjacir kbir, il-Qorti tinnota li l-attur, li xehed fil-kwalita tieghu ta' sid il-vettura, naqas li jressaq bhala xhud lis-sewwieq tal-vettura Mitsubishi Pajero li kienet involuta fl-incident u cioe lil Mary Sant.  Illi ghalhekk xhieda tas-sewwieq m'hemmx fil-process hemm biss id-dikjarazzjoni maghmula lill-*warden* allegatament mis-sewwieqa Mary Sant a tempo vergine tal-investigazzjoni. Mary Sant allegatament tghid li kienet niezla ghall-affari taghha mill-Wardija, sejra lejn Burmarrad fil-parti t'isfel fuq in-naha taghha tat-triq u fid-daqqa u l-hin, il-konvenut, li kien qed isuq it-*truck* tal-ghamla *scammel*,  qabad u dawwar l-i*scammel* ghal go fiha u laqghata fil-parti ta' quddiem.

Il-konvenut minn naha l-ohra, a tempo vergine skond kif rapportat fl-okkorenza tal-*warden* Dok. MB 1 a fol. 22, ighid li kien ipparkjat ma gemb it-triq, ihares 'l quddiem u fid-daqqa u l-hin, il-vettura li kienet niezla mill-Wardija, baqghet diehla go fih.

Din il-versjoni tal-fatti l-konvenut jikkonfermha meta xehed viva voce il-Qorti.  Anzi jghid li kien nizel mill-i*skip* u ra mara gejja bi *speed* eccessiv li baqghet diehla go fih.

Minn ezami ta' dan id-Dok. MB 1 jirrizultaw s-segwenti fatti:-

I.	Illi d-daqqa li qala' l-attur, kienet fuq quddiem fuq in-naha tal-lemin, *bumper, mudguard* u *bonnet*, *grill* u *head lamp* tan-naha tal-lemin u l-hsara kienet wahda estensiva.
2.	Id-daqqa li ghandu l-konvenut ukoll kienet fuq quddiem *front bumper, front mudguard*, l-bieba ta' quddiem tan-naha tal-lemin w il-*head lamp* tan-naha tal-lemin.
3.	Illi t-temp kien tajjeb b'vizibilita tajba, u t-triq kienet xotta.
4.	Illi ma hemm l-ebda sinjali ta' *brake marks*.
5.	Illi ghalkemm allegatament kien hemm zewg minn nies ighinu ma dak tal-i*scammel*, l-konvenut ma tax id-

dettalji taghhom lil *warden* u wisq inqas ma ressaqhom jixhdu f'dawn il-proceduri, ghalkemm ix-xhieda taghhom, bla dubju ta xejn, kienet tghin biex jintefa' dawl fuq dak li effettivament kien gara.

Illi minn ezami tar-ritratti esebiti a fol. 28 bhala Dok. MB 4 jirrizultaw s-segwenti fatti:-

1. Illi d-daqqa fil-vettura Mitsubishi Pajero kienet proprju fuq quddiem fl-angolu taghha, gejja mill-gemb mhux *head on*, filwaqt li d-daqqa fuq l-i*scammel* kien fuq quddiem lejn il-lemin.
2. Illi l-vettura Pajero kienet fuq is-*side* taghha proprju ma gemb vetturi ohra li kienu pparkjati fuq ix-xellug taghha.
3. Illi quddiem il-vettura tal-attur, fuq ix-xellug taghha hemm *skip*.
4. Illi l-i*scammel* ma kienx dritt, kien angolat, qisu ser ighamel '*U Turn*' sabiex jigi fuq in-naha l-ohra tal-karreggjata u zgur li kien qed jostakola l-*flow of traffic* tal-vetturi gejjin mill-Wardija fuq il-karreggjata taghhom.

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tghamel apprezzament tax-xhieda fid-dawl tal-provi kif spjegati aktar 'l fuq u b'hekk tipprova tirrikostitwixxi d-dinamika tal-incident fuq il-bazi ta' dawk l-indikaturi li rrizultawlha u dan in linea ma dak li jinghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Inferjuri fl-ismijiet **Scerri vs Darmanin** deciza nhar l-ghoxrin (20) ta' Ottubru 2003.

Ma hemmx dubbju li x-xhieda tal-konvenut, li kien ipparkjat u kien niezel biex imur lejn l-i*skip*, hija inveritjera fic-cirkostanzi ghaliex m'inghatat ebda raguni 'l ghala huwa kellu jipparkja l-vettura b'dak il-mod angolat u jaqsam il-karregjata tieghu. In oltre, id-daqqa kif tirrizulta fuq il-vetturi, nghatat mill-konvenut bil-quddiem tieghu. Il-konvenut ma kellu ebda dritt jipparkja f'nofs ta' triq u jikkreja emergenza subitaneja lill-utenti ohra fit-triq. Ma hemmx dubbju li l-mizura li ha l-konvenut, u cioe li joqghod f'nofs ta' triq, hija mizura traskurata w ikkrejat bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea mprevedibbli li

rrendiet impossibli jekk mhux ragonevolment possibli azzjoni tempestiva evasiva.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-konvenut ma zammx *a proper look out* ta’ dak li kien qed jigri madwaru.

Issir referenza hawnhekk ghal kuncett ta’ *proper look out* kif elaborat ahjar fis-sentenza tal-Qrati Inglizi **Newhaus ND vs Bastion Insurance Co. Ltd (1968)** fejn gie ritenut li:

“*Keeping a proper look out, means more than looking straight ahead, it includes awareness of what is happening in one’s immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road from side to side and in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well*.”

Illi l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenut, u cioe li huwa waqaf, kien ser jinzel biex imur jigbor l-i*skip* u jerga lura, hija in vero simili, w ghalhekk ma hemmx dubbju, li t-tort tal-incident awtomobilistiku huwa tal-konvenut w ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, qed tigi michuda.
Il-konvenut fit-tieni eccezzjoni tieghu jghid li d-danni reklamati mill-attur huma esagerati. L-attur esebixxa is-*survey report* li mhux kontestat u sahansitra anke l-*inovice* mahruga mill-agent tal-vettura tieghu Industrial Motors u jidher li l-ammont hemm imsemmi, huwa l-ammont ta’ danni li qed jirriklama l-attur fl-avviz odjern.

Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova sabiex jikkontradici dak li pprova l-attur bid-dokumentazzjoni tieghu w ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll qed tigi michuda.

**Ghaldaqstant il-Qorti qieghda, filwaqt li tilqa t-talba attrici, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u qieghda tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elfejn tmien mija u disgha u erbghin lira Maltin (LM2,849) ekwivalenti ghal sitt elef sitt mija sitta w tletin euro (€6636) u dan ghar-ragunijiet imsemmija fl-avviz.**

**L-ispejjez u l-imghax skond il-ligi jithallsu mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------